31995D0538



# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-6 ta' Diċembru 1995

## li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Ġappun

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(95/538/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd (1), emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni għamel żjara ta' spezzjoni fil-Ġappun biex jivverifika l-kondizzjonijiet li fihom il-prodotti tas-sajd jiġu prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;

Billi d- dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni Ġappuniża dwar spezzjonar u monitorjar tas-saħħa tal-prodotti tas-sajd jistgħu jitqiesu ekwivalenti għal dawk stabbiliti bid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-'Ministry of Health and Welfare - Veterinary Sanitary Division (MHW-VSD)', l-awtorità kompetenti fil-Ġappun, huwa kapaċi jivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura biex jinkiseb iċ-ċertifikat ta' saħħa riferit fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE trid tkopri wkoll id-definizzjoni ta' mudell taċ-ċertifikat, il-ħtiġiet minimi rigward il-lingwa (lingwi) li biha jrid isir l-abbozz u l-livell tal-persuna awtorizzata li tiffirmah;

Billi, skond L-artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, trid titwaħħal marka mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd li turi l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment ta' oriġini;

Billi, skond L-artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, trid issir lista ta' stabbilimenti approvati; billi din il-lista trid issir fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-MHW-VSD lill-Kummissjoni; billi għalhekk irid ikun il-MHW-VSD li jiżgura l-konformità mad- dispożizzjonijiet stabbiliti għal dan l-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-MHW-VSD ta assigurazzjonijiet uffiċjali rigward il-konformità mar-regoli stabbiliti f'Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u rigward il-konformità ma' ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti b'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' stabbilimenti;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-"Ministry of Health and Welfare - Veterinary Sanitary Division (MHW-VSD)" huwa rikonoxxut bħala l-awtorità kompetenti fil-Ġappun għal verifikar u ċertifikar tal-konformità tal-prodotti tas-sajd mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

*Artikolu 2*

Il-prodotti tas-sajd u akkwakultura li joriġinaw fil-Ġappun iridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna trid tkun akkumpanjata b'ċertifikat tas-saħħa oriġinali u numerat, mimli kif xieraq, iffirmat, iddatat u li jikkonsisti f'paġna waħda skond il-mudell stabbilit fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni;

2. il-prodotti jridu jiġu mill-istabbilimenti approvati elenkati fl-Anness B ta' din id-Deċiżjoni;

3. ħlief fil-każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati, fi kwantitajiet kbar u intenzjonati għall-fabbrikar ta' ikel ippreservat, il-pakketti kollha jrid ikollhom il-kelma "Ġappun" u n-numru ta' l-approvazzjoni f'ittri li ma jitħassrux.

*Artikolu 3*

1. Iċ-ċertifikat riferit f'punt 1ta' l-Artikolu 2 irid ikun magħmul f'minn ta' l-anqas lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istati Membri fejn isiru l-kontrolli.

2. Iċ-ċertifikat irid ikollu l-isem, il-kompetenza u l-firma tar-rappreżentattiv tal-MHW-VSD u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' l-indikazzjonijiet l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 1995.

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*

*L-Anness A*

**Ċertifikat tas-Saħħa**

**għal prodotti tas-sajd jew akkwakultura li joriġinaw fil-Ġappun u li huma maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea bl-eċċezzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gasteropodi marini ta' kull forma**

Nru ta' referenza: .....

Pajjiż li jibgħat: ĠAPPUN

Awtorità kompetenti: Ministry of Health and Welfare — Veterinary Division (MHW-VSD)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodott**

Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd jew akkwakultura (1):

— speċi (l-isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni tal-prodotti (2) u tip ta' trattament (2): .....

Numru tal-kodiċi (fejn disponibbli): .....

Tip ta' pakkettjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

Temperatura meħtieġa għal ħżin u trasport: .....

II. **L-oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u numri (numri) ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbilimenti approvati mill-MHW- VSD għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea: .....

.....

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti tas-sajd jew akkwakultura (1) intbagħtu

minn: .....
(post tad-dispaċċ)

lil: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

Bil-mezz tat-trasport li ġej: .....

Isem u indirizz ta' min jibgħat: .....

.....

.....

Isem il-kunsinnatarju u l-indirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Aqta' fejn ma japplikax
(2) Ħajjin, imkessħin, iffriżati, immellħin, affumikati, ippreservati, eċċ

IV. **Ċertifikazzjoni tas-saħħa**

L-ispettur uffiċjali b'dan jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u akkwakultura speċifikati hawn fuq:

1. ġew maqbuda u mmaniġġjati abbord bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti bid-Direttiva 92/48/KEE:

2. ġew imniżżla l-art, immaniġġjati u fejn meħtieġ ippakkettjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, imnehħija mill-friża u maħżuna b'mod iġjeniku skond il-ħtiġiet stabbiliti f'Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE:

3. ġew ikkontrollati għas-saħħa skond Kaptitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE:

4. huma ppakkettjati, immarkati, maħżuna u trasportati skond Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE:

5. m'humiex minn speċi tossiċi jew speċi li jkollhom il-bijotossini:

6. ġew sottoposti għall-kontrolli organolettiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stabbiliti għal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u bid-deċiżjonijiet li jimplimentawha.

L-uffiċjal hawn taħt iffirmat b'dan jiddikjara li jirrikonoxxi d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/493 KEE u 92/48/KEE.

Magħmul: ....., fi .....
(post) (data)

Timbru Uffiċjali (1)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (1)

.....
(Isem b'ittri kapitali, il-kompetenza u l-kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

(1) Il-kulur tat-timbru u l-firma jridu jkunu differenti minn dak tal-partikolaritajiet oħrajn fiċ-ċertfikat.

*L-ANNESS B*

**Lista ta' Stabbilimenti**

| Numru ta' approvazzjoni | Stabbiliment | Indirizz |
|---|---|---|
| 0452001 | Kyokuyo Shokuhin Co., Ltd<br>No 2 Plant | Shiogama-shi,<br>Miyagi 985 |
| 0951001 | Taiyo Sea-Foods Co., Ltd | Utsunomiya-shi,<br>Tochigi 321-32 |
| 2260001 | K.K. Takaei Okitsu Kojo | Shimizu-shi,<br>Shizuoka 424-02 |
| 2831001 | Nippon Suisan Kaisha, Ltd<br>Himeji General Plant | Himeiji-shi,<br>Hyogo 670 |
| 2866001 | Yamasa Kamaboko Co., Ltd Yumesaki No 2 Factory | Shikama-gun<br>Hyogo 671-21 |
| 3404001 | Osaki Suisan Co., Ltd | Hiroshima-shi,<br>Hiroshima 733 |
| 3404002 CS | Kyowareizou Co., Ltd | Hiroshima-shi,<br>Hiroshima 733 |
| 2801001 CS | Nippon Suisan Kaisha, Ltd<br>Rokko Island Cold Store | Kobe-shi,<br>Hyogo 658 |